



Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Diċembru 2024 – Institut Jožef Stefan vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-134/23) ⁽¹⁾

(“Għoti ta’ sussidji fil-qasam tad-difiża – FED – Finanzjament ta’ azzjonijiet ta’ riċerka – Sejħa għal proposti EDF-2021-MCBRN-R – Ċaħda tal-proposta tar-rikorrent minħabba nuqqas ta’ osservanza tal-kundizzjonijiet u tal-kriterji ta’ ammissibbiltà – Obbligu ta’ motivazzjoni – Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba – Dritt għal smigħ – Żball ta’ evalwazzjoni”)

(C/2025/909)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Institut Jožef Stefan (Ljubljana, is-Slovenja) (rappreżentant: A. Bochon, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Tricot, E. Stamate u T. Isacu de Groot, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent, il-koordinatur tal-konsorzju PANDORA, jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-3 ta' Jannar 2023 li tiċħad il-proposta ta' proġett bir-referenza 101075036-PANDORA ppreżentata fil-kuntest tas-sejħa għal proposti EDF-2021-MCBRN-R tal-Fond Ewropew għad-Difiża (FED).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Institut Jožef Stefan huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 271, 31.7.2023.